**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**B8-1046/2016**

13.9.2016

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kundizzjonijiet tat-trobbija tal-baqar tal-ħalib

**Sophie Montel, Florian Philippot**

**B8-1046/2016**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kundizzjonijiet tat-trobbija tal-baqar tal-ħalib**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-azjenda agrikola msejħa "1 000 vaches" fis-Somme (Franza) kixfet l-abbużi li għaddejjin attwalment fit-trobbija tal-bovini u li dan it-tip ta' azjendi qegħdin jimmoltiplikaw fl-Ewropa;

B. billi fi Franza jitrabbew 3,6 miljun baqra tal-ħalib u huma potenzjalment il-vittmi futuri ta' tali azjendi;

C. billi, finalment, l-azjendi tat-tip "1 000 vaches" jaffettwaw lill-azjendi tal-familja u jġibu r-riskju ta' falliment lill-komunità tal-bdiewa Franċiża;

1. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti bidu għal riflessjoni dwar kif it-trattament tal-baqar tal-ħalib jista' jiġi integrat fi strateġiji nazzjonali biex jittejjeb il-benessri tal-annimali.